# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Illum, it-Tnejn, 3 ta' Mejju, 2021**

**Rikors numru 90/21**

**Vassallo Builders Group Limited C-2448**

**v.**
**Marsovin Limited (C-115)**

1. B'rikors preżentat fit-30 ta' Marzu 2021 is-sekwestrata (Marsovin Limited) talbet ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 194/2020 LM ai termini tal-Artikolu 836(1) (c) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jew alternattivament li jiġi ordnat li s-sekwestranta (Vassallo Builders Group Limited) tiġi ordnata tipprovdi garanzija xierqa għall-ħlas tal-ispejjeż, ta' penali, ta' danni u ta' imgħax ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u fin-nuqqas ta' tali depożitu l-mandat jiġi revokat.

2. Dan il-mandat ġie preżentat wara li ngħatat sentenza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Vassallo Builders Group Limited v. Marsovin Limited et** (Rikors Ġuramentat nru. 51/2013GM) datata fis-7 ta' Mejju 2019 permezz ta' liema Marsovin Limited u Agrico Limited ġew ordnati jħallsu lil Vassallo Builders Group Limited is-somma ta' €240,525.33 bħala danni. Dan wara illi ġie deċiż illi Marsovin Limited u Agrico Limited kisru garanziji minnhom mogħtija lil Vassalo Builders Group Limited bis-saħħa ta' skrittura privata datata 23 ta' Diċembru 2009. Din is-sentenza ġiet appellata u l-appell jinsab pendenti quddiem din il-Qorti.

3. Vassallo Builders Group Limited intavolat tlett mandati kawtelatorji kontra Marsovin Limited ilkoll għas-somma ta' €240,525.33. Dawn it-tlett mandati huma: mandat ta' sekwestru kawtelatorju notifikat lil banek u istituzzjonijiet finanzjarji, mandat ta' sekwestru kawtelatorju notifikat lil CassarCamilleri Limited (il-mandat metru ta' dawn il-proċeduri) u mandat ta' qbid kawtelatorju fuq l-ishma illi s-sekwestrata għandha fil-kumpanija CassarCamilleri Limited. Il-mandat mertu tal-proceduri odjern ġie intavolata fil-5 ta' Frar 2020 u ġie milqugħ permezz ta' digriet datat 6 ta' Frar 2020.

4. B'risposta datata 14 ta' April 2021 is-sekwestranta ssottomettiet illi t-talbiet tas-sekwestrata għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

5. Is-sekwestrata ssostni illi l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni għandu jiġi revokat peress illi l-mandat ta' qbid waħdu diġa jikkawtela b'mod suffiċjenti l-pożizzjoni ta' Vassallo Builders Limited f'ammonti li jeżorbitaw bil-wisq il-pretensjoni tagħha u għaldaqstant teżisti garanzija idona għal din il-pretensjoni ai termini tal-Artikolu 836 (1) (c) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Tgħid illi hija azzjonista tal-kumpanija CassarCamilleri Limited u hija proprjeta` ta' 560,111 sehem ordinarju minn '*issued shared capital'* totali ta' 826,123 sehem. Hija preżentat stima magħmula minn PriceWaterhouseCooper skont liema l-valur ta' kull sehem ordinarju huwa fl-ammont ta' €21.36. Isostni għalhekk illi 11,261 sehem huwa biżżejjed sabiex tiġi kkawtelata l-pretensjoni tas-sekwestranta, u li anke jekk wieħed kellu jagħmel il-kalkoli fuq 60% tal-valur sabiex jirrifletti bejgħ bis-subbasta jkun jinħtieġu 18,777 sehem sabiex jagħmlu tajjeb għall-pretensjoni tas-sekwestranta.

6. Vassallo Builders Group Limited tirribatti illi din it-talba għar-revoka m'għandhiex tiġi milqugħa kkonsidrat illi l-kumpanija sekwestrata ma għamlet l-ebda depożitu ai termini tal-istess mandat u dan minkejja li għaddiet aktar minn sena minn meta ġie preżentat. Iżżid li dan ifisser ukoll illi m'huwiex ċar xi preġudizzju qiegħed joħloq dan il-mandat, u li jekk

CassarCamilleri Limited qed toqgħod lura milli tħallas '*dividends'* sabiex jiġu evitati l-effetti ta' dan il-mandat, din hija raġuni determinanti l-għaliex għandu jibqa' fis-seħħ. Hija inoltre tagħmel referenza għall-argumenti magħmula minnha fl-atti tar-rikors għar-revoka parzjali tal-mandat ta' qbid dwar l-adegwatezza tal-istess mandat.

7. Permezz ta' digriet kamerali mogħti llum stess, din il-Qorti ċaħdet it-talba tas-sekwestrata għar-revoka parzjali tal-mandat ta' qbid fuq l-ishma li l-istess sekwestrata għandha fil-kumpanija CassarCamilleri Limited. Fl-istess digriet ġie determinat illi dawn l-ishma huma suffiċjenti sabiex jikkawtelaw il-pretensjoni sħiħa tas-sekwestranta, inkluż kwalunkwe mgħax u spejjeż ġudizzjarji illi s-sekwestranta tista' tkun talvolta intitolata għalihom. Skont il-ġurisprudenza l-garanzija indikata fl-Artikolu 836(1)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tista' tkun kostitwita bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor.[1] Għaldaqstant il-mandat ta' qbid appena msemmi jikkostitwixxi garanzija tajba biex tħares il-pretensjonijiet tas-sekwestranta, b'mod illi hija ġustifikata t-talba tas-sekwestrata illi l-mandat odjern jiġi revokat.

8. Peress illi l-Artikolu 838A jgħodd biss f'każ fejn il-Qorti ma tilqax it-talba għar-revoka ta' mandat kawtelatorju, il-Qorti m'hijiex sejra tistħarreġ

[1] Ara per eżempju: **LK Limited Zebbug Malta vs Adrian Zammit** (PA, 29/09/2010).

jekk għandhiex tordna illi s-sekwestranta tressaq garanzija xierqa għall-finijiet tal-istess artikolu.

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel talba u tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 194/2020 maħruġ fis-6 ta' Frar 2020 u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba, bl-ispejjeż kontra Vassallo Builders Group Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
da